# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Dicembru, 2018

**Rikors Numru : 351/2018 JPG**

**Kawza Numru : 33**

**IB**

**Vs**

**CG,** u b'digriet tat-2 ta' Novembru, 2018, il-kunjom ghandu jinqara **B**.

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' IB , datat 3 ta' Awwissu, 2018 a fol 1 et seqq. li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti zzewweg lill-intimata CB nhar l-4 ta' Gunju tas-sena elf disgha mija u erbgha u disghin (1994) liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta u dan kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';*

2. *Illi l-partijiet sseparaw legalment minn ma' xulxin fil-15 ta' Dicembru tal-elfejn u tlieta (2003) permezz ta' kuntratt bonarju ta' firda personali in atti Nutar Dr Sandra Valentino, vera kopja tal-kuntratt tal-firda personali qieghda tigi hawn unita u mmarkata bhala Dok 'B';*

3. *Illi illum 'il gurnata ddekorrew hmistax-il sena mid-data tal-istess firda personali tal-partijiet u effettivament ma tezisti ebda possibilta' ta' rikonciljazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-intimat.*

4. *Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kienu irrinunzjaw reciprokament ghall-manteniment minn ghand xulxin; kwindi ma tezisti ebda lanjanza f'dan is-sens bejn l-istess partijiet;*

5. *Illi mill-imsemmi zwieg il-partijiet kellhom tifel wiehed bl-isem MB li llum 'il gurnata l-istess tifel huwa ta eta' maggorenni u jahdem full time, kwindi lanqas f'dan ir-rigward ma' tezisti ebda lanjanza bejn il-partijiet versu l-vertenza odjerna;*

6. *Illi in vista ta' dan premess jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mil-Ligi ghall-halla taz-zwieg u ghall-otteniment ta' divorzju bejn l-istess partijiet.*

*Ghaldaqstant u in vista ta' dak espost fil-premess, ir-rikorrenti umilment jitlob, bir-rispett, lil din il-Wisq Onorabbli Qorti sabiex:*

a) *Tiddikjara liz-zwieg taghhom hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi; u*

b) *Konsegwentement tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet u biex jirregistrah skont il-Ligi fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota ta' CB a fol 16, fejn permezz taghha uriet li ma topponiex ghat-talbiet tar-rikorrent kif kontenuti fir-rikors tieghu u li m'ghandhiex issofri l-ebda spejjez in konnessjoni mal-procedura istanti.

Rat ir-rikors ta' CB datat 13 ta' Novembru 2018, a fol 25, li permezz tieghu talbet li tirriverti ghal kunjom xbubitha;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CB** xehdet a fol 19 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fl-4 ta' Gunju 1994 u sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 15 ta' Dicembru 2003. Xehdet illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal circa hmistax – il sena, u m'hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni. Xehdet illi m'hemmx pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet.

**IB** xehed a fol 21 *et seqq* u kkonferma x-xhieda ta' CB.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Il-Qorti rat jirrizulta illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 15 ta' Dicembru 2003 fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Valentino, debitament awtorizzat mill-Qorti, u ilhom jghixu separatament ghal circa hmistax – il sena.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi gie pruvat inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Tawtorizza lil CB tirriverti ghal kunjom xbubitha, cioe' G u tordna notifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghall-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**